**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# Laqgħa Nru. 57/2016

Data: 8 t' Awwissu 2016

Hin: 6.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

---

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| Assenti: | | | |

---

## AĠENDA

### 1. Talba

Is-Sindku nnotifika lill-membri lil-Kunsilliera is-Sur Mangani u s-Sur Anastasi ma setgħux ikunu preżenti għal-laqgħa ta' llum.

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tal-56 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tal-56 Laqgħa.

**2.1.1** Minuta 3.2 tiżdied il-kelma "it-triq" wara l-kelma "dwar".

2.1.2 Minuta 4.1 titneħħa l-kelma "il-kbira" wara il-frażi Triq San Pawl.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku:

2.1.3 Minuta 5 titneħħa "€8850" u tiġi "€88,50c".

2.1.4 Minuta 7(ċ) titneħħa "li" wara il-kelma "preżenti"

Il-minuti ġew approvati wara li ġew ikkoreġuti

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti

3.1 Minuta 3.1 - Is-Sindku nforma lill-membri li l-lezzjonijiet tal-Lifelong Learning ser jibdew ~~isiru~~ is-Sibt filgħodu bejn 8.00 am u 11.00 am. jinżammu

3.2 Minuta 3.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li skadew it-tenders tal-Accountant u tal-Knis. Huwa nforma lill-membri lis-Segretarju Eżekuttiv u Is-Sur Jonathan Brimmer attendew għat-taħriġ dwar l-EPPS. Is-Segretarju informa lis-Sindku li issa ser jagħmel appuntament mad-Dipartimenti sabiex jitlob l-għajnuna sabiex jinħarġu dawn it-tenders flimkien mat-Tender tal-proġett tal-Palazz l-Aħmar.

Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri dwar liema sejħa għandha tintagħżel għal-*EU Funds Manager*. Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament li għandha toħroġ *expression of interest.* Is-Sur Darren Carabott wera x-xewqa sabiex jittieħed parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar r-*retention fee*. Is-Sindku ssekonda s-suġġeriment tas-Sur Carabott u l-membri qablu unanimament.

3.3 Minuta 9.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li mill-ewwel ta' Settembru 2016 is-Segretarju ser jibda jaħdem 20 siegħa fil-ġimgħa sakemm ikun appuntat Segretarju Eżekuttiv ġdid. Huwa talab lis-Segretarju sabiex jinforma lill-membri fuq kemm intefgħu applikazzjonijiet. Is-Segretarju nforma lill-membri li b'kollox intefgħu tlettax (13) –il applikazzjoni. Is-Sindku kompla billi qal li l-pass li jmiss huwa li jiltaqa' il-Bord tal-Għażla sabiex ikunu evalwati l-applikazzjonijiet sottomessi.

Il-membri qablu unanimament.

F'dan il-mument is-Sur Darren Carabott talab lis-Sindku li kien jixtieq jgħaddi xi tagarif. Is-Sindku laqa' it-talba tas-Sur Carabott. Is-Sur Carabott spjega li minħabba impenji personali ta' studji, se jkun indispost milli jattendi l-laqgħat tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera mit-13 ta' Settembru 2016 sa nofs Frar 2017. Huwa qal li matul il-ġimgħa waslulu d-dokumenti uffiċjali li ġie aċċettat sabiex ikompli l-istudji tiegħu fil-kors tal-Liġi barra minn Malta, opportunita' li tiġi darba biss. Għaldaqstant huwa talab sabiex ikun skużat mill-laqgħat u l-impenji marbuta mal-Kunsill bejn id-dati msemmija, u nikkomunikaw din l-informazzjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku talbu sabiex jikteb formalment lill-Kunsill u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jinforma b'din it-talba lid-Direttur għall-Gvern Lokali

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar l-iskema ta' restawr fejn din l-iskema tgħalaq fil-31 t' Awwissu. Is-Sindku ppropona sabiex l-Kunsill japplika sabiex isir ir-restawr tal-Knisja l-qadima

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar l-opportunita' ta' fondi Ewropej għal ġemellaġġi u network ma' bliet Ewropej. Is-Sindku nforma lis-Sur Brimmer sabiex jgħamel komunikat mal-MEUSAC sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenifika minn dawn il-fondi.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

4.3 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-Scouts ta' Santa Venera fejn dawn bagħtu proposta ta' kif jista' jiġi il-parkeġġ ta' quddiem il-Kwartieri tagħhom u kif ukoll tar-residenza biswit il-kwartieri li għadhom bżonn parkeġġ riservat.

Is-Sindku ppropona din it-talba filwaqt lis-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku u l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

4.4 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva proposta mingħand TCTC sabiex isir kors tal-ECDL għat-tfal 'il fuq minn 11 –il sena u adulti. Is-Sindku qal li l-prezz ser ikun issussidjat għal €170 minflok €465. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li hu jħoss li l-Kunsill għandu joffri din l-opportunita' lir-residenti.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

4.5 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Aġenzija LESA għandha l-ħsieb li tħejji laqgħat immirati lejn iż-żgħażagħ u l-anzjani dwar is-sigurta' fit-Toroq. Is-Sindku qal li laqgħat bħal dawn huma importanti li jsiru speċjalment f'lokalita bħal Santa Venera.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

4.6 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar l-inizjattiva li qed issir biex tkun iċċelebrata il-World Physiotherapy Day, fejn id-Dipartiment tal-Physiotherapy qiegħed jorganizza sensiela ta' sessjonijiet ta' attivita' fiżikali għall-pubbliku ġenerali fit-13 u fis-16 ta' Settembru, 2016. F'dan ir-rigward is-Sindku issuġġerixxa sabiex din l-attivita siir fis-16 ta' Settembru fis-sala tal-Kappillan wara li tinġieb l-approvazzjoni.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

4.7 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar sabiex ikunu nstallati *Electrical Vehicles Charging* Points madwar it-toroq Maltin. Għal dan il-għan is-Sindku issuġġerixxa sabiex il-Kunsill japplika u din titpoġġa f'parkeġġ biswit il-parkeġġi tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

4.8 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva ittra legali f'isem is-Sur Marco Zahra li nhar l-14 ta' Lulju sofra ġriehi ta' natura gravi meta dan allegatament waqa' f'gandott li kien hemm fi Triq il-Kbira San Ġuzepp meta kien qiegħed isir xogħol fiz-zebra crossing ta' quddiem il-klabb tal-Boċċi. Is-Sindku qal li din l-ittra ser tkun diskussa mall-Avukat.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew ikkoreguti.

## 6. Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 52 sa lment numru 71.

| | |
|---|---|
| 52 | Issir WO |
| 53 | Mhux approvata mill-membri tal-Kunsill |
| 54 | Nitolbu permessi tal-Mepa |
| 55 | Transport Malta |
| 56 | Grima & Sons |
| 57 | Contract Manager |
| 58 | Għaddejja kommunikazzjoni mad-Dipartiment tas-Sanita' |
| 59 | Ħaddiema Assenjati |
| 60 | Ma tistax issir peress li hemm 2 sqaqien simili |
| 61 | Grima & Sons |
| 62 | Grima & Sons |
| 63 | Ara Minuta 4.3 + tinħareġ WO lis-Central Asphalt |
| 64 | WO Central Asphalt |
| 65 | Single yellow line huwa infurzat bil-liġi daqs li kieku hemm double yellow line |
| 66 | Xogħol li ser isir |
| 67 | Transport Malta |
| 68 | Azzjoni ttieħdet |
| 69 | Mhux approvata mill-membri tal-Kunsill |
| 70 | Grima & Sons |
| 71 | Transport Malta |

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

### 7(a) Emendi fil-Linja Gwida tal-Ġieħ Santa Venera

Is-Sindku irrimarka li l-Kumitat tal-Ġieħ kien irrimarka li għandha issir emenda fil-linji gwida. Is-Sindku ressaq din l-emenda fuq il-mejda fejn kienet diskussa mill-membri. Is-

Sindku ppropona dawn it-tibdiliet (punt 4,3) filwaqt lis-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku.

Il-Membri qablu unanimament.

Is-Sindku nforma lill-membri li għal din is-sena huwa qiegħed jipproponi sabiex l-attivitajiet għall-Jum Santa Venera jsiru ġewwa Dar Ħanin Samaritan. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmel kuntatt mad-Direttur ta' din id-dar.

Il-Membri qablu unanimament ma dak li ppropona s-Sindku

### 7(b) Aġenzija Żgħażagħ

Is-Sindku ppropona sabiex ikun imwaqqaf Sotto Kumitat taż-żgħażagħ u dan wara li kien hemm interess mill-istess żgħażagħ. Dan se jkun qed jaħdem biex jiġu organizzati attivitajiet tal-Kunsill marbuta maż-żgħażagħ. Is-sotto kumitat ser ikun immexxi mill-Viċi Sindku Jonathan Brimmer, bħala l-kunsillier responsabbli miż-żgħażagħ. Il-membri l-oħra ser ikunu: Gianluca Falzon, Miguel Cauchi, Celine Vella, u Nicky Parnis.

Is-sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

## 8. Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati

8.1 Ma kienux preżentati l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 9. Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-Membri li fil-ġimgħa tal-festa sar att vandalu fil-playingfied ta' wara il-knisja u l-Kunsill talab sabiex ikollna kopja tar-recording tas-CCTV iżda minhabba li hard disk hija żgħira r-recodings qed ikunu mħasra wara massimu ta' 48 siegħa. F'dan ir-rigward is-Sindku nforma lill-membri wara parir mingħand is-supplier hemm bżonn li tinxtara hard disk ikbar.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri li l-kuntratt tad-Dawl huwa skadut bħal ma dejjem ġibdu l-attenzjoni l-awdituri fir-rapport annwali tagħhom. F'dan ir-rigward is-Sindku nforma lill-membri li l-aħjar huwa li niktbu lir-Reġjun sabiex ikollna indikazzjoni x'ser isir. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li l-ħlas tax-xogħol li sar fi Triq Misraħ il-Barrieri u Triq iż-Żonqor għadu pendenti minħabba li fadal biex issir is-certification of work minn naħa tal-Perit tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li mill-aħħar informazzjoni jidher li din l-ispiża ser tkun ta' €275k.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.20 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 5/9/2016